IL-BIRGU

Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmien Legislatura

# Laqgħa Numru 23

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) it-Tlieta 28 ta' Lulju 2020.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

## 23.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 22 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, approvawhom unanimament.

## 23.3 Korrispondenza

23.3.1 Preżentati korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Suzanne Brincat Dimech mill-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ppjanar rigward il-fanali tad-dawl tat-toroq li l-Kunsill qiegħed jirrestawra. Is-Sinjura Brincat infurmat lis-Sindku li la darba l-Kunsill kien diġà ltaqa mal-persuni responsabbli mid-Development Fund, ma kelliex għalfejn issir laqgħa mal-Ministeru sabiex il-kunsill jingħata fondi għal dan il-proġett.

23.3.2 Preżentati tlett (3) quotations għal diversi CCTV cameras madwar partijiet sensittivi fil-Birgu fejn qed isir abbuż ta' rimi ta' skart illegali. Il-Kunsill iddeċieda li jmur għall-irħas offerta tal-kumpanija ispy Projects u qabel unanimament li dawn jitwaħħlu fl-iqsar żmien possibli.

23.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Noel Zammit f'isem Heritage Malta sabiex tinforma lis-Sindku li fi żmien qasir se jagħmlu kuntatt miegħu biex jibda xi xogħol ta' restawr f'waħda mill-kmamar fit-tielet sular fil-Berġa ta' Franza bl-ispejjeż tidħol għalihom Heritage Malta stess.

23.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-iStreet Naming Committee sabiex il-kunsill jikkonferma l-estensjoni ta' Triq il-Piccolo Soccorso 1565 (it-Toqba tal-Birgu) li din se tkun qed tibda k/m Triq ix-Xewkija u tasal sal-blokk ta' appartamenti flok sal-Klabb tar-Regatta tal-Birgu. Il-kunsil approva din it-talba unanimament.

23.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-iStreet Naming Committee sabiex tintbagħat applikazzjoni uffiċjali għal Triq l-Assedju l-Kbir 1565 (ix-Xatt tal-Birgu) u b'hekk l-isem ikun sanzjonat.

23.3.6 Preżentat proġett Skema ta' Fondi – LC Care Project sabiex il-kunsill jibbenefika minn fondi biex isiru proġetti b'risq l-annimali. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu applika għal dan il-proġett sabiex jinxtraw 'cat shelters', ikel tal-qtates, jingħata servizz ta' VET meta meħtieġ u jinħarġu sett kotba għat-tfal dwar l-annimali. Il-proġett ingħata l-isem ta' 'ABBANDUNATI...minna le !' u l-kwotazzjoni totali għal dan il-proġett kienet ta' €6200. B'dan il-proġett ġew

infurmati diversi persuni li jieħdu ħsieb jitimgħu qtates li jinsabu fit-toroq u tlaqqgħu l-kunsill f'laqgħa informali mas-Sindku u l-kunsillier Anton Gellel sabiex jiddiskutu magħhom l-għan tal-proġett li jekk jiġi aċċettat, jibbenefikaw huma sabiex ikomplu jħarsu dawn l-annimali li jinsabu abbandunati fit-toroq tal-Birgu.

23.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Formosa Randon dwar diversi dati proposti sabiex jinġibed film fil-Birgu fosthom fuq il-bejt tal-Mużew Marittimu, il-Pjazza tal-Birgu u fuq il-bejt tal-Knsija ta' San Lawrenz. Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li dan isir.

23.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Elisa Cassar f'isem il-Lands Authority dwar laqgħa li saret mas-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu u mas-Sinjura Elisa Cassar u s-Sur Mario Borg Olivier għal-Lands Authority rigward il-ħlas pendenti ta' kont tad-dawl tal-Berġa ta' Franza li l-awtorità ħallset u għalhekk il-kunsill jinsab dovut li jħallas lill-awtorità. Is-Sindku spjega li s-somma tqarreb lejn €3000 u għalhekk dawn kellhom jitħallsu f'daqqa sabiex dan il-kont ikun meħlus ukoll.

23.3.9 Preżentata korrispondenza mis-Sindku dwar laqgħa li sejjaħ mas-Sur Joe Attard mill-kumpanija Green Mt sabiex jinbidlu l-Bring-in Sites li jinsabu fil-Birgu. Is-Sindku nforma lill-kunsill li l-laqgħa saret u ġie maqbul li dawn il-Bring-in Sites ser jibdew jinbidlu fiż-żmien qasir u se jkunu akbar u aktar puliti.

23.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lil Dr Rachael Marie Scicluna mill-Housing Authority rigward id-Dar tal-Ħabsin fi Triq il-Kan. Luiġi Fenech. F'din l-ittra, is-Sindku offra li tintuża l-Berġa ta' Franza għal-laqgħa li l-Fondazzjoni mid-Dlam għad-Dawl tixtieq tagħmel mar-residenti. Is-Sindku jisħaq li fuq deċiżjoni li ttieħdet fil-laqgħa tal-kunsill, il-Kunsill Lokali tal-Birgu ma kienx ser ikun preżenti sabiex jafferma d-deċiżjoni li ħa kontra dan il-proġett li jsir fil-Birgu.

23.3.10.1 Il-laqgħa mar-residenti saret nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2020 fuq il-post fejn se jsir il-proġett u li għaliha attendew ir-residenti u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Preżenti kien hemm diversi persuni fosthom Dr Rachel Scicluna, mill-Ministeru, Mariella Mendez mis-Social Housing, Maria Jones Therapista, George Busuttil CEO tal-fondazzjoni 'Mid-Dlam għad-dawl' u żewġ (2) periti minn Open Work Studio li huma nkarigati minn dan il-proġett.

23.3.10.2 Ir-residenti stqarrew li l-valur tal-propjetà tagħhom kien ser jibaxxa minħabba din id-dar li ser tinfetaħ ħdejhom. Ir-residenti xtaqu li ssir karta u/jew kuntratt u bank guarantee sabiex f'każ li jinqala' xi ħaġa, huma jkunu koperti minn dan il-kuntratt. Huma għamluha ċara li kienu kontra dan il-proġett, bħalma kien u għadu kontra l-Kunsill Lokali tal-Birgu.

23.3.10.3 Il-periti spjegaw li ser jitbaxxa u jinbidel s-saqaf tal-bejt u jogħla ċ-ċint sabiex jitnaqqas aktar ir-riskju li jkun hem aċċess għal fuq il-bjut tal-ġirien. Ġie spjegat ukoll li ser ikun hemm staff erbgħa u għoxrin (24) siegħa kuljum u sebat (7) ijiem fil-ġimgħa ma' dawn il-ħabsin li se jkunu qed jiskuntaw l-aħħar ftit xhur tas-sentenza tagħhom f'din id-dar. Is-Sur Busuttil spjega li dawn ikunu ħabsin li diġà jafuhom u bnew relazzjoni magħhom tul is-snin.

23.3.10.4 Ir-residenti talbu li jkun hemm kameras imwaħħlin fit-triq għas-sigurtà tagħhom peress li dawn ma kinux se jsiru minħabba raġuni ta' privatezza publika. Għalkemm il-laqgħa kienet xi ftit kommoventi f'diversi mumenti, Dr. Rachael Scicluna ħasset li kienet laqgħa kordjali.

23.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sinjura Francelle Caruana f'isem l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jitħallas tal-għoxrin elf (20,000) mappa tal-Birgu li ġew printjati riċentament u li għalihom ser tħallas din l-awtorità msemmija.

23.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sinjura Dorianne Diacono mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill Lokali tal-BIrgu bgħat ir-Risk Assessment Report tal-Birgufest 2019 sabiex jieħu l-fondi dovuti lilu ta' €15,000 sabiex ikopru parti mill-ispejjeż ta' dan il-festival. Is-Sindku spjega li dan qed jintbagħat issa għax min kien responsabbli li jibgħatu wara li għaddiet din l-attività qatt ma bagħtu lid-Dipartiment sabiex jinġabru dawn il-fondi filwaqt li s-Sindku sar jaf b'din is-sitwazzjoni b'kumbinazzjoni meta talab €15,000 għall-Birgufest 2020.

23.3.13 Preżentat il-poster tal-Birgufest 2020 li sar mis-Sur Melvin Degiorgio. Il-kunsill approvah unanimament.

23.3.14 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mitja Bukovec sabiex jinforma lill-Kunsill Lokali tal-Birgu li l-applikazzjoni tal-proġett CITIZ – Europe for Citizens ġiet approvata mill-Unjoni Ewropea għal massimu ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000). Il-Kunsill kien applika għal dan il-proġett sabiex jinġiebu fondi għall-attività tal-Birgufest. Għaldaqstant, kien jonqos li jimtlew diversi formoli sabiex jiġu sottomessi u jitkompla l-proċess ta' dan il-proġett.

23.3.15 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Kumitat Festi Esterni ta' San Lawrenz u San Duminku sabiex għal din is-sena, flok il-messaġġ tas-Sindku fil-programmi tal-festa rispettivi, titpoġġa l-arma tal-Birgu u jingħata l-awguri għall-festi rispettivi għan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku ppropona li titħallas ukoll ħamsin ewro (€50) għal dan l-awgurju liż-żewġ kumitati. Il-kunsill approva din il-proposta unanimament.

**23.4 Birgufest 2020**

23.4.1 Is-Sindku qal li la issa ġie mniedi l-poster tal-Birgufest 2020, kulħadd irid jaħdem u jagħti s-sehem tiegħu sabiex għal darb'oħra din l-attività tkun suċċess.

23.4.2 Is-Sindku qal li jkun tajjeb li jsiru żewġ laqgħat separati mas-soċjetajiet mużikali, dik ta' San Lawrenz u l-Prince of Wales Own sabiex jiġu diskussi l-progammi mużikali li jsiru fil-jiem tal-Birgufest.

23.4.3 Is-Sindku ressaq proposta sabiex għal din is-sena biss, l-għaqdiet volontarji li jarmaw stand fil-Birgufest, ma jħallsux id-donazzjoni tal-istand bħala inċentiv għal dak li ntilef minħabba l-pandemija tal-Covid-19. Il-kunsillera kollha qablu unanimament ma' din il-proposta filwaqt li qablu wkoll li għas-sidien tal-ħwienet, tintbagħat ċirkolari li se jkunu fil-libertà li jagħtu donazzjoni skont kemm jifilħu jekk se jarmaw stand bħas-soltu.

23.4.4 Il-Viċi-Sindku preżenta quotation ta' proġett bl-isem l-Għanja tal-Għanjiet li jikludi tlett (3) korijiet fil-Knisja ta' San Lawrenz, il-Lunzjata u Santa Skolastika li huma marbuta flimkien taħt id-direzzjoni ta' Alex Vella Gregory. L-ispiża għal dawn il-kunċerti hija ta' €2255. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li l-idea hija tajba iżda li għalissa m'għandhiex tingħata risposta sabiex tingħata ċans tiżvolġi s-sitwazzjoni preżenti fil-pajjiż.

23.4.5 Is-Sindku qal lill-Viċi-Sindku li meta jkun il-waqt, isir ir-Risk Assessment li jsir kull sena minħabba l-attività tal-Birgufest.

23.4.6 Is-Sindku qal lis-Sur Trevor Mizzi sabiex jieħu ħsieb il-bands għall-Mandraġġ, fuq it-Torri ta' San Ġwann u fil-fetħa ta' Triq il-Foss.

**23.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

23.5.1 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera kollha li kienu waslu sal-lum għaxar (10) applikazzjonijiet għall-post ta' Skrivan Skala 15. Is-sejħa saret pubblika wara li minn dawk li ġew għall-interviews taħt Part 1 u 3 min-naħa tal-Jobsplus, il-kunsill ra li ħadd ma kien adattat għall-pożizzjoni. Is-sejħa nħarġet fuq il-gazzetti lokali kollha u tagħlaq il-Ġimgħa 31 ta' Lulju 2020.

23.5.2 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li l-ktieb tal-poeżiji ta' Martha Agius kien lest u preżenta kopja waqt il-laqgħa. Dan kien se jiġi preżentat waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Birgu 2020 u wara, din iż-żagħżugħa jkollha ċ-ċans li tiffirma xi kopji li se jkunu għall-bejgħ. Il-kunsilliera kollha qablu unanimament.

23.5.3 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li wara diversi rapporti li saru, il-ħaddiema tal-kunsill stess, naddfu taħt u quddiem il-Forti Sant'Anġlu minħabba ħmieġ li tħalla minn ħaddieħor.

23.5.4 Is-Sindku qal li hemm bżonn li napplikaw għal Green Wardens sabiex jibdew jiġu fil-lokalità tal-Birgu minħabba diversi nuqqasijiet minn xi individwi. Il-kunsilliera qablu ma' din il-proposta.

23.5.5 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li kellha ssir laqgħa mal-periti rigward id-disinn tal-Pjazza tal-Birgu.

**23.6 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, BOV 5523 sa BOV 5569. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda ta' Pagamenti datata 1 ta` Lulju 2020 sat-28 ta` Lulju 2020.

**23.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8.00pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tlieta 25 ta` Awwissu 2020 fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm).

Konfermati illum: **25 ta' Awwissu 2020.**

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

John Boxall                                                        Christian Lawrence Raggio Vella
Sindku                                                                Aġent Segretarju Eżekuttiv